MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**LINO FARRUGIA SACCO**

Seduta tas-16 ta' Lulju, 2008

Numru 480/2008

Stefan u Claudia konjugi Falzon
vs
Anton Pace et

Il-Qorti,

**A. RIKORS:**
Rat ir-rikors ta' Anton Pace li bih eccepixxa:

Illi Stefan u Claudia konjugi Falzon talbu l-hrug ta' Mandat ta' Sekwestru kawtelatorju fl-ismijiet premessi bhala garanzija ghal danni allegatament kawzati minn Anton Pace fuq il-proprjeta` ta' Stefan u Claudia konjugi Falzon.

Illi permezz ta' digriet datat 23 ta' April 2008, din il-Qorti akkordat it-talba ghal hrug ta' mandat ta' sekwestru fil-konfront ta' Anton Pace.

Illi Anton Pace jichad b'mod kategoriku li huwa responsabbli b'xi mod personalment ghad-danni allegati

minn Stefan u Claudia konjugi Falzon, u dan ibbazat fuq il-fatt li l-proprjeta` fejn allegatament dahal l-ilma li kkawza d-danni allegati, cjoe l-penthouse sovrastanti l-propjeta ta' Stefan u Claudia konjugi Falzon, appartament numru 4, 17, Triq il-Laring, Attard, hija l-proprjeta` ta' Amity Development Limited (C 37831) u dan skond att pubbliku datat 1 ta' Marzu 2007 ippubblikat quddiem in-Nutar Dr. Nicoletta Vella.

Illi s-Sur Anton Pace dejjem agixxa fil-kapacita` tieghu bhala direttur tas-socjeta` Amity u qatt ma agixxa fil-kapacita` tieghu personali. Kif ukoll ix-xogholijiet fl-ismemmi '***penthouse***' dejjem saru mis-socjeta` Amity Development Limited. Dawn il-fatti huma ben maghrufa minn Stefan u Claudia konjugi Falzon u dan ghaliex kien missier Claudia Falzon li biegh il-proprjeta` lil Amity Development Limited. F'dik l-okkazzjoni u trattattivi segwenti Anton Pace dejjem agixxa fil-kapacita` tieghu bhala direttur tas-socjeta` Amity Development Limited.

Ghalhekk peress li Stefan u Claudia konjugi Falzon kienu konsapevoli b'dawn il-fatti, specjalment il-fatt li Anton Pace dejjem agixxa fil-kapacita` tieghu bhala direttur tas-socjeta` hawn fuq imsemmija, it-talba ghall-hrug tal-mandat kawtelatorju fil-konfront tieghu saret b'malizzja u kienet kompletament frivola u vessatorja.

Illi jekk dan il-mandat jibqa' fis-sehh, dan ikun precedent serju fis-sens li d-diretturi jkunu personalment u direttament responsabbli ghad-danni maghmulin mill-kumpanija minkejja l-fatt li jkunu aggixxew a nom tas-socjeta`. Anton Pace, ghal dak li jirrigwardja l-'***penthouse***' mertu ta' dan il-mandat qatt ma ghamel xejn fil-kapacita` tieghu personali ghalhekk jekk hemm xi danni allegati r-responsabilita` ghandha taqa' unikament fuq is-socjeta`, u dan kif ben stabilit minn Kapitolu 386 tal-Ligijiet ta' Malta u gurisprudenza vasta f'din il-materja.

Ghaldaqstant in vista tal-fatti elenkati, tad-dokumentazzjoni mehmuza u tar-ragunijiet fuq spjegati Anton Pace talab lill-Qorti:

1. Tirrevoka l-mandat kawtelatorju numru 603/08 akkordat fit-23 ta’ April 2008 fil-konfront ta’ Anton Pace u dan ai termini ta’ Artikolu 836 (1) (f) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta;

2. Tikkundanna lil Stefan u Claudia konjugi Falzon hlas ta’ penali peress li t-talba saret b’malizzja u hija frivola u vessatorja u dan ai termini ta’ l-Artikolu 386 (8) (d) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta;

3. Fin-nuqqas li din il-Qorti tilqa’ t-talbiet hawn fuq premessi tordna lil Stefan u Claudia konjugi Falzon sabiex fi zmien qsir u perentorju jaghtu garanzija xierqa ghall-hlas tal-penali li tista’ tigi imposta u tad-danni u l-imghax li Anton Pace jista’ jsofri fin-nuqqas li Stefan u Claudia konjugi Falzon jaghmel dan, inehhi l-att kawtelatorju a tenur ta’ l-Artikolu 838A tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta.

**B. RISPOSTA:**

Rat ir-risposta tal-konjugi Falzon li biha eccepew:

Illi ghalkemm jidher illi huwa minnu li s-socjeta` Amity Development Limited hija l-propjetarja tal-fond, ossia penthouse, sovrastanti l-fond propjeta` ta’ Stefan u Claudia konjugi Falzon, l-oneru tal-prova tistrieh ghal kollox fuq Anton Pace sabiex jipprova a sodisfazzjon ta’ din il-Qorti l-allegazzjoni minnu sollevata li hu mhux il-legittmu kontradittur u li m’hemm ebda ness guridiku bejn Stefan u Claudia konjugi Falzon u Anton Pace fil-kwalita` tieghu personali.

Illi ghalkemm saret enfasi fuq il-fatt illi l-propjetarju tal-fond in kwistjoni hija s-socjeta Amity Development Limited, u mhux Anton Pace, ikun opportun illi jigi rilevat illi l-applikazzjoni mressqa mal-MEPA sabiex jigi mwettaq l-izvilupp, ossia bini tal-penthouse, ma saritx mis-socjeta` in kwistjoni, u dan kif jixhed estratt mehmuz mill-istess applikazzjoni (Dok X). Illi ghalhekk fl-umli fehma ta’ Stefan u Claudia konjugi Falzon dawn il-fatturi ghandhom jittiehdu in konsiderazzjoni, u jimmilitaw kontra t-tezi ta’ Anton Pace.

Ghaldaqstant, it-talbiet ta’ Anton Pace, kemm in kwantu ghar-revoka tal-mandat in kwistjoni, kif ukoll ghall-hlas ta’ penali u t-talba ghal depozitu ta’ garanzija xierqa, huma infondati u ghandhom jigu michuda.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet l-abili difensuri.

Ikkunsidrat

**C. PROVI:**

Il-Qorti semghet it-trattazzjoni tal-konsulenti legali fejn fost affarijiet ohra gie deciz li jigi esebit il-Memorandum of Association ta’ Amity Developments Limited u fejn Dr. Cedric Mifsud enfasizza li Anton Pace ma kienx responsabbli personalment ghall-proprjeta` in kwistjoni minhaba li l-proprjeta` fejn allegatament dahal l-ilma li kkawza d-danni allegati u cioe` l-***penthouse*** sovrastanti l-proprjeta` tar-rikorrenti hija tas-socjeta` Amity Developments Limited.

**D. KUNSIDERAZZJONIJIET:**

Illi ghalkemm f’xi kazijiet ir-responsabbilta` personali ta’ direttur tibqa’ vigenti anke jekk il-proprjeta` strettament tkun tappartjeni lill-kumpanija. Fil-kaz in ezami ma jiggustifikax li jkun hemm mandat ta’ sekwestru fuq Anton Pace personalment. Huwa veru li kif imsemmi fir-risposta tal-konjugi Falzon l-applikazzjoni mressqa mal-MEPA ghall-bini tal-***penthouse*** ma saritx mis-socjeta` in kwistjoni kif jidher mid-dokument “X” a fol 7 tal-process.

**E. KONKLUZJONIJIET:**

Ghal dawn il-motivi il-Qorti tilqa’ t-talba ghar-revoka tal-mandat kawtelatorju 603/08 akkordat fit-23 ta’ April 2008.

Minhabba n-natura tal-kaz kif imsemmi hawn fuq mhux il-kaz ta’ ordni tal-hlas ta’ penali ghar-raguni msemmija fil-kunsiderazzjonijiet u certament mhux il-kaz ghall-applikazzjoni ta’ xi garanziji.

Minhabba n-natura tal-kaz, spejjez bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------